

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10901/26

AVIATION 106

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 229 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL IR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 300/2008 DWAR IR-REGOLI KOMUNI FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 229 final.

Mehmuż: COM(2026) 229 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2026
COM(2026) 229 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**IR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-
REGOLAMENT (KE) NRU 300/2008 DWAR IR-REGOLI KOMUNI FIL-QASAM
TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI**

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008¹, kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri, u tinformahom bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-impatt tiegħu fuq it-titjib tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

Fl-2024 is-servizzi tal-Kummissjoni komplew bl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imħabbra fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD, Staff Working Document) tal-Kummissjoni, "Il-ħidma lejn politika tas-sigurtà tal-avjazzjoni mtejba u aktar reżiljenti: rendikont". Il-fażi ta' implimentazzjoni tal-14-il azzjoni ewlenija identifikati f'dan id-dokument damet għaddejja matul l-2024, flimkien mal-Istati Membri. Din il-ħidma ffokat fuq il-linja bażi l-ġdida tas-sigurtà tal-avjazzjoni u t-tiżni tal-iżvilupp tal-innovazzjoni f'konformità mal-Istrateġija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-UE.

2. AVVENIMENTI TA' THEDDID U PROSPETTIVA

Flimkien mal-aġenziji rilevanti, il-Kummissjoni żammet djalogu kontinwu dwar it-theddid emerġenti għas-sigurtà għall-avjazzjoni, inkluż dak ta' natura ibrida, u monitoraġġ regolari tiegħu, mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra, biex tibni l-għarfien u l-kapaċità ta' reazzjoni għal dak it-theddid, filwaqt li tiġġestixxi r-riskju b'mod effettiv.

2.1 Terroriżmu u theddid ibridu

It-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti għadhom ta' theddida sinifikanti għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari min-networks ġiħadisti globali, filwaqt li l-livell ġenerali ta' theddida għadu sinifikanti. Avvenimenti interni u esterni destabilizzanti kkontribwew għall-intensifikazzjoni tar-radikalizzazzjoni, għal żieda fit-tensjoni u għall-polarizzazzjoni soċjali, u potenzjalment iwasslu għat-terroriżmu u għall-estremiżmu vjolenti madwar l-Unjoni. It-terroristi joperaw bejn il-fruntieri, filwaqt li jisfruttaw teknoloġiji u *modi operandi* ġodda. It-tixrid ta' miżinformazzjoni u ta' diżinformazzjoni online u l-potenzjal tagħha għar-radikalizzazzjoni jibqa' ta' tħassib ewlieni. F'ambjent li huwa aktar deċentralizzat u volatili, l-atturi terroristiċi u estremisti vjolenti diffużi jingħaqdu u jispiraw lil xulxin lil hinn mill-ideoloġija jew mill-affiljazzjoni fi grupp.

Il-kunflitti fir-reġjun tal-Lvant Nofsani żiedu t-theddida għas-sigurtà interna tal-UE u għandhom potenzjal konsiderevoli għall-mobilizzazzjoni u għar-radikalizzazzjoni, li jistgħu jattivaw firxa ta' vetturi ġodda ta' theddid madwar l-Ewropa. Il-kunflitt żied bil-

¹ Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

kbir il-volum ta' kontenut estremist online, inkluż propaganda terroristika, kontenut anti-Semitiku u anti-Musulman u narrattivi polarizzanti.

L-avjazzjoni ċivili tibqa' mira ta' profil għoli, filwaqt li t-theddiet u l-isfidi huma mistennija jevolvu, b'diversità probabbli akbar ta' *modi operandi* ta' attakk. It-theddid minn informazzjoni privileġġata u t-terroriżmu endoġenu għadhom qasam ta' attenzjoni partikolari. Iż-żoni ta' kunflitt se jkomplu jipprovdu ambjent li joffri l-opportunità lit-terroristi li jiksibu tagħmir ta' grad militari aktar sofistikat.

Filwaqt li l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna sa issa kellha impatt limitat fuq it-theddida terroristika u l-estremiżmu vjolenti fl-UE, wasslet għal żieda fit-theddida ibrida kontra s-sigurtà interna tal-UE, permezz ta' żieda fid-diżinformazzjoni, attakki ċibernetiċi, tentattivi biex tiġi strumentalizzata l-migrazzjoni, u azzjonijiet ta' sabotaġġ kontra infrastruttura kritika, inkluża s-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru.

2.2 Inċidenti ta' sigurtà tal-merkanzija bl-ajru

Minn Lulju 2024, seħħew sensiela ta' atti illegali ta' interferenza fil-katina tal-provvista sigura tal-merkanzija u tal-posta (bl-ajru) fl-Ewropa. Dawn l-inċidenti kienu jinvolvu l-użu ta' Apparat Inċendjarju Improvviżat (IID, Improvised Incendiary Devices). Immobilizzaw l-isforzi tal-gvern u tal-industrija, fil-livell tal-UE u internazzjonali, biex jirriflettu fuq il-vulnerabbiltajiet u fuq is-soluzzjonijiet għal reżiljenza msaħħa. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fl-industrija, żviluppaw sett ta' miżuri preventivi li jikkontribwixxu biex jimmitigaw il-*modus operandi* użat u jsaħħu l-katina tal-provvista tal-merkanzija bl-ajru.

2.3 Ċibersigurtà

Hekk kif l-avjazzjoni ċivili ssir dejjem aktar interkonnessa u diġitalizzata, it-theddid ċibernetiku joħloq riskji dejjem akbar għas-sigurtà, għas-sikurezza u għall-effiċjenza tal-avjazzjoni. L-attakki ċibernetiċi mmirati lejn is-settur tat-trasport potenzjalment jista' jkollhom konsegwenzi diżastrużi u jwasslu għal tfixkil ekonomiku sinifikanti. Fl-2024 ġew irrapportati aktar minn 8 500 attakk ċibernetiku li kellhom impatt fuq diversi partijiet ikkonċernati fl-avjazzjoni madwar id-dinja. Il-metodi preferuti għat-twettiq ta' attakki ċibernetiċi kienu siti web frawdolenti, phishing u malware, u Attakk Distribwit li Jwaqqaf is-Servizz (DDoS, Distributed Denial of Service). Il-miri ewlenin kienu l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-katina tal-provvista tagħhom².

Il-motivazzjoni tal-attakki ċibernetiċi sottostanti hija varjata. Filwaqt li l-qligħ finanzjarju huwa l-aktar raġuni komuni, oħrajn huma motivati mill-ideoloġija jew milli jaġixxu f'isem atturi Statali ostili.

² Ir-rapport tal-2025 tal-EUROCONTROL/EATM-CERT dwar Cyber in aviation.

F'dan l-ambjent kumpless, l-isforzi ffokaw fuq l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-inizjattivi regulatorji eżistenti, filwaqt li jiżguraw li dawn ikunu operazzjonalizzati bis-sħiħ u applikati b'mod konsistenti.

3. VALUTAZZJONIJIET TAR-RISKJU

3.1 Droni

Kif indikat fl-“Istrateġija dwar id-Droni 2.0”³, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkunsidra jekk emenda għar-regoli tas-sigurtà tal-avjazzjoni kinitx neċessarja biex tiżgura li l-awtoritajiet tal-avjazzjoni u l-ajruporti jżidu r-reżiljenza tagħhom meta jiffaċċjaw ir-riskji ppreżentati minn droni mhux kooperattivi u mhux awtorizzati.

Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu eżerċizzju dedikat ta' valutazzjoni tar-riskju, li tlesta fl-ewwel trimestru tal-2024, dwar ir-riskju ppreżentat minn inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAs, Unmanned Aircraft) mhux kooperattivi u mhux awtorizzati għall-faċilitajiet tal-avjazzjoni ċivili u tal-ajruporti. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju kopra primarjament it-theddida li toħloq l-użu tal-UAs għal skopijiet ta' terroriżmu. Ma ġewx ikkunsidrati xenarji ibridi li jinvolvu atturi Statali.

L-eżitu finali indika li, f'dak il-punt, l-esponiment għar-riskju tal-faċilitajiet tal-avjazzjoni ċivili u tal-ajruporti kontra attakki intenzjonali mwettqa minn terroristi li jużaw il-kapaċitajiet tal-UAVs ma kienx sinifikanti. B'riżultat ta' dan, ir-riskju residwu ma kienx jimponi l-ħtieġa għal rieżami tar-regoli eżistenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

3.2 Żoni ta' Kunflitt

Skont is-Sistema ta' Twissija dwar iż-Żoni ta' Kunflitt tal-UE, il-valutazzjonijiet tar-riskju komuni komplew isiru fuq bażi regolari kull trimestru fl-2024, taħt it-tmexxija tal-grupp ta' valutazzjoni tar-riskju integrat għas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, inklużi l-Istati Membri tal-UE, iċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (EU INTCEN, EU Intelligence and Situation Centre) tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency). L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li tiġi kondiviża informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskji għall-avjazzjoni ċivili tal-UE li jirriżultaw minn żoni ta' kunflitt b'mod puntwali biex tiġi appoġġata l-mitigazzjoni tar-riskju. F'każ ta' urġenza, jiġu organizzati laqgħat eċċezzjonali.

Il-grupp kellu erba' laqgħat kull trimestru fl-2024 u seba' laqgħat urġenti *ad hoc*, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani u tal-impatt tiegħu fuq l-avjazzjoni

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija 2.0 tad-Droni għal Ekosistema Intelliġenti u Sostenibbli tal-Inġenji tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord fl-Ewropa, COM(2022) 652 final, id-29 ta' Novembru 2022.

ċivili tal-UE. Dan wassal għall-pubblikazzjoni ta' tliet bullettini ta' informazzjoni dwar iż-żoni ta' kunflitt (CZIB, Conflict Zone Information Bulletin), l-irtirar ta' CZIB wieħed, kif ukoll l-estensjoni ta' 11-il CZIB eżistenti⁴.

Il-proċess integrat ta' valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jipprovdi wkoll kapacià ta' valutazzjoni tar-riskju u jappoġġa l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet (mitigazzjoni tar-riskju) għall-istandards dwar is-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru u dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

4. QAFAS LEĠIŻLATTIV U GĦODOD SUPPLIMENTARI

4.1 Qafas leġiżlattiv

L-avjazzjoni ċivili tibqa' mira attraenti għall-atturi ostili u l-ġlieda kontra din it-theddida teħtieġ l-implimentazzjoni ta' miżuri protettivi proporzjonati u bbażati fuq ir-riskju. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jaġġustaw kostantement il-miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jilħqu l-oġġla livell ta' sigurtà filwaqt li jimminimizzaw l-effetti avversi fuq l-operazzjonijiet.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 ġie emendat f'Mejju 2024 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1255⁵. Dan tal-aħħar introduċa emendi biex jindirizza l-istampa li qed tevolve tat-theddud u tar-riskju kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti. Huma introduċew reġim għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tat-trasportaturi tal-merkanzija li f'haġna każijiet jiżgura t-trasport bis-superfiċje tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru sikuri f'isem l-aġenti regolati u l-ispedituri magħrufa. Ajruport wiehed⁶ żdied ukoll mal-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti li japplikaw standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni. It-tieni emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 ġiet adottata f'Lulju 2024 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2108⁷ li temporanjament introduċiet mill-ġdid limitu ta' volum aktar baxx għall-iskrinjar ta' likwidi, ta' aerosols u ta' ġellijiet (LAGs, Liquids, Aerosols and Gels) bl-użu ta' tagħmir ta' Sistemi tad-Detezzjoni tal-Isplussivi għall-Bagalji tal-Kabina (EDSCB, Explosive Detection Systems for Cabin Baggage) li jissodisfaw l-istandard C3, u appellat għal tiġib tal-algoritmi ta' detezzjoni użati minn dik it-teknoloġija.

4.2 Il-bażi tad-data tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista

Il-bażi tad-data tal-Unjoni⁸ dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tikkostitwixxi l-unika għodda legali għall-konsultazzjoni meta jiġu aċċettati kunsinni minn aġent

⁴ <https://www.easa.europa.eu/en/domains/air-operations/czibs>

⁵ Għad-dettalji, ara l-Anness 2.

⁶ L-ajruport ta' Svalbard fir-Renju tan-Norveġja.

⁷ Għad-dettalji, ara l-Anness 2.

⁸ <https://ksda.ec.europa.eu/>

regolat ieħor jew minn speditur magħruf. L-istess bażi tad-data tinkludi wkoll lista ta' tagħmir tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili approvat bil-marka tat-“Timbru tal-UE”.

Fi tmiem l-2024, il-baży tad-data kien fiha madwar 37 000 rekord ta' aġenti regolati, spedituri magħrufa, fornituri magħrufa ta' provvisti tal-ajruport, validaturi indipendenti, linji tal-ajru ACC3, fornituri regolati, aġenti regolati minn pajjiżi terzi u spedituri magħrufa, tagħmir tas-sigurtà, ajruporti u utenti. Ir-rata ta' disponibbiltà tagħha kienet ta' 99,99 %, li jfisser li, matul is-sena 2024, b'kollox ma kinitx disponibbli għal inqas minn 30 minuta.

4.3 Informazzjoni Antiċipata dwar il-Merkanzija Qabel it-Tagħbija (PLACI, Pre-Loading Advance Cargo Information)

L-operaturi ekonomiċi responsabbli biex idaħħlu kunsinni fit-territorju doganali tal-Unjoni (bħala destinazzjoni jew bħala post ta' tranżitu) minn pajjiżi terzi bl-ajru għandhom jissottomettu elettronikament informazzjoni antiċipata dwar il-merkanzija lid-dwana tal-UE. Din id-data tiġi analizzata għall-finijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili mill-awtoritajiet doganali tal-ewwel punt tad-dħul fl-UE bl-użu tas-sistema doganali l-għdida tal-importazzjoni (ICS2, Import Control System 2).

L-eżitu tal-analiżi tar-riskju tal-PLACI jista' jirrikjedi l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inkluża l-possibbiltà ta' struzzjoni jew riferiment “Tgħabbix” (DNL, Do Not Load). Dawn iridu jiġu applikati minn operaturi ekonomiċi involuti fil-katina tal-provvista għall-UE qabel ma l-kunsinna titgħabba abbord titjira li tkun sejra lejn l-UE.

Fl-2024 ġew irreġistrati madwar 141 miljun applikazzjoni tal-PLACI. Dawn wasslu għall-ħruġ ta' madwar 1400 talba għal skrinjar (RFS, Requests For Screening), iżda ma kien hemm l-ebda talba biex il-merkanzija ma titgħabbiex (DNL). Il-maġġoranza ta' dawn kienu relatati ma' kunsinni espressi, segwiti minn merkanzija postali u merkanzija bl-ajru ġenerali.

5. SPEZZJONIJIET U ATTIVITAJIET OĦRA TA' MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ

5.1 Ġenerali

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandu l-għan li jipprevjeni l-interferenza illegali mal-avjazzjoni ċivili sabiex jiġu protetti l-persuni u l-oġġetti. Filwaqt li dan ir-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw b'mod regolari l-konformità tal-ajruporti, tat-trasportaturi tal-ajru u ta' entitajiet oħrajn fl-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni tas-sigurtà tal-avjazzjoni u jiżguraw il-kxif u l-korrezzjoni

rapida tan-nuqqasijiet, il-leġiżlatur ta lill-Kummissjoni r-rwol li timmonitorja l-implimentazzjoni effettiva mill-Istati Membri tal-UE/ŻEE⁹ ta' dan ir-rekwiżit legali.

L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet u, kif xieraq, tagħmel rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb is-sigurtà tal-avjazzjoni. Biex jintlaħaq dan l-objettiv ta' monitoraġġ, is-sistema ta' sorveljanza tal-Kummissjoni tkopri l-attivitajiet tal-Istati Membri fl-istabbilment, fiż-żamma u fl-applikazzjoni ta' programm nazzjonali effettiv għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u ta' programm nazzjonali effettiv għall-kontroll tal-kwalità tal-avjazzjoni ċivili.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni topera sistema b'żewġ saffi ta' monitoraġġ tal-konformità, jiġifieri l-ispezzjonijiet tagħha stess ikkomplementati mill-valutazzjoni tar-rapporti annwali tal-Istati Membri dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ nazzjonali.

Mill-2010, ir-rata ta' konformità identifikata matul l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni baqgħet f'livell stabbli ta' madwar 80 %. Madankollu, l-implimentazzjoni effettiva ta' xi miżuri tħalli lok għal titjib u teħtieġ sforzi kontinwi mill-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mill-awtoritajiet kompetenti u mill-Kummissjoni.

5.2 Frekwenza u kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjonijiet

Il-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet tal-amministrazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-Istati Membri (l-“awtoritajiet kompetenti” kif definiti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008), kif ukoll spezzjonijiet tal-ajruporti, tal-operaturi u tal-entitajiet li japplikaw l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

L-għadd, il-frekwenza u l-ambitu ta' dawn l-ispezzjonijiet huma stabbiliti fl-istrateġija tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport (DG Mobilità u Trasport) għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE. Hija tqis il-livell ta' attività tal-avjazzjoni f'kull Stat Membru, kampjun rappreżentattiv tat-tip ta' operazzjonijiet tal-ajruporti, il-livell ta' konformità tagħhom fl-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, ir-riżultati ta' spezzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, il-valutazzjonijiet tar-rapporti annwali nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità, l-inċidenti ta' sigurtà (“atti ta' interferenza illegali”), il-livelli ta' theddid u fatturi u valutazzjonijiet oħra.

Sabiex il-Kummissjoni tiġi pprovduta b'garanziji adegwati dwar il-livell ta' konformità tal-Istati Membri, jintuża approċċ ta' monitoraġġ pluriennali. B'hekk, l-evidenza dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tiegħu tinkiseb minn kull Stat Membru f'ċiklu ta' sentejn, permezz

⁹ Iż-Żona Ekonomika Ewropea: is-27 Stat Membru tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Iżvizzera. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (ESA, EFTA Surveillance Authority) hija responsabbli għat-twettiq ta' spezzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni fin-Norveġja u fl-Iżlanda. Il-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Iżvizzera abbażi ta' ftehim bilaterali.

ta' spezzjoni tal-awtorità kompetenti tiegħu jew permezz ta' spezzjoni ta' mill-anqas wieħed mill-ajruporti tiegħu.

Barra minn hekk, l-evidenza tal-applikazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni tinkiseb f'ċiklu ta' 5 snin permezz ta' għażla ta' mill-inqas 15 % tal-ajruporti kollha tal-UE li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 300/2008, inkluż l-akbar ajruport f'termini ta' volumi ta' passiġġieri f'kull Stat Membru. L-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'ajruporti magħżula jikkostitwixxu indikatur b'saħħtu tal-livell ġenerali ta' konformità f'kull Stat Membru.

5.3 Proċeduri u metodoloġija għall-ispezzjonijiet

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010¹⁰ jistabbilixxi l-proċeduri sabiex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni. Dan jinkludi, *inter alia*, dispożizzjonijiet għall-kwalifika u għas-setgħat tal-ispetturi tal-Kummissjoni¹¹.

Il-metodoloġija użata għat-twettiq tal-ispezzjonijiet ġiet żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-Istati Membri u hija bbażata fuq il-verifika tal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' sigurtà.

5.4 Spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni kellha tim attiv ta' tmien spetturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni full-time, appoġġati minn grupp ta' madwar 80 awditur nazzjonali nominati mill-Istati Membri u li jikkwalifikaw għall-parteciċipazzjoni fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni.

L-involviment tal-awdituri nazzjonali fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni jikkontribwixxi wkoll għal sistema ta' rieżami bejn il-pari u jippermetti t-tixrid tal-metodoloġiji u tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati¹².

5.4.1 Spezzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

L-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti għandhom l-għan li jivverifikaw jekk l-Istati Membri għandhomx l-għodod neċessarji – inkluż programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità, awtorità legali u riżorsi xierqa – biex ikunu jistgħu jimplementaw b'mod adegwat il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

Bħala parti mis-sitt ċiklu tagħha ta' spezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni wettqet ħames spezzjonijiet matul l-2024. L-Istati Membri spezzjonati fl-2024 allinjaw il-programmi nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni mal-leġiżlazzjoni tal-

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri biex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 1).

¹¹ Ara l-Artikoli 4 u 5.

¹² Ara l-Anness 1 għal sommarju tal-attivitajiet kollha ta' monitoraġġ tal-konformità tal-Kummissjoni u tal-ESA fl-2024.

UE, taw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom is-setgħat ta' infurzar neċessarji għall-monitoraġġ u għall-infurzar tar-rekwiżiti kollha tar-Regolament u tal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, żguraw li kien hemm għadd suffiċjenti ta' awdituri disponibbli għat-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità, u implimentaw il-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti relatati mat-taħriġ dwar is-sigurtà.

Madankollu, l-ispezzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa għal sforzi addizzjonali fl-oqsma li ġejjin: iż-żamma tal-programmi nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili aġġornati f'konformità mal-bidliet leġiżlattivi u d-definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni; l-iżgurar tal-allinjament sħiħ tal-programmi ta' sigurtà tal-ajruporti, l-operaturi u l-entitajiet mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-programmi nazzjonali ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u l-monitoraġġ tagħhom; l-istandardizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-operaturi tar-raġġi X fuq livell nazzjonali; l-iżvilupp sħiħ tat-taħriġ relatat maċ-ċibersigurtà; l-implimentazzjoni sħiħa tal-metodoloġija meħtieġa għall-ispezzjoni u l-elementi li għandhom jiġu inklużi fir-rapportar tal-monitoraġġ tal-konformità nazzjonali u l-issodisfar tar-rekwiżiti relatati mal-proċess ta' rapportar (eż. is-sottomissjoni puntwali ta'r-rapporti u tal-ittri ta' għeluq, eċċ.). Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, ċerti dmirijiet ma twettqux bis-sħiħ minħabba allokkazzjoni mhux adegwata tal-kompiti. Dawn kienu jinkludu l-monitoraġġ tal-ajruporti, it-trasportaturi bl-ajru u xi entitajiet b'responsabbiltajiet ta' sigurtà u l-programmi ta' sigurtà rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, meta wettqu l-ispezzjonijiet, l-awtoritajiet ma koprewx sistematikament il-firxa sħiħa ta' miżuri ta' sigurtà direttament marbuta, jew ma wettqux testijiet fl-oqsma kollha meħtieġa. Il-verifiki fuq il-post fl-ajruporti żvelaw li l-effettività tal-attivitajiet ta' monitoraġġ nazzjonali tista' tittejjeb aktar fl-Istati Membri kollha spezzjonati.

5.4.2 Spezzjonijiet inizjali fl-ajruporti

Fl-2024, il-Kummissjoni wettqet 17-il spezzjoni inizjali fl-ajruporti bl-għan li tivverifika jekk l-awtorità kompetenti timmonitorjax b'mod adegwat l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' sigurtà tal-avjazzjoni u hijiex kapaċi tinduna bin-nuqqasijiet potenzjali minnufih u tirrettifikahom. Kwalunkwe nuqqas identifikat mill-isperturi tal-Kummissjoni jrid jiġi rrettifikat fi ħdan perjodu ta' żmien stabbilit. Ir-rapporti tal-ispezzjonijiet jiġu kondiviżi fost l-Istati Membri kollha.

Wara l-15-il sena ta' implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, ir-riżultati tal-ispezzjoni jirriflettu l-isforzi li saru mill-awtoritajiet kompetenti u mill-industrija. Il-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti tas-sigurtà ġew implimentati b'mod korrett. Madankollu, l-ispezzjonijiet enfasizzaw oqsma għal titjib fl-implimentazzjoni effettiva ta' xi miżuri, pereżempju, fl-iskrinjar u fil-kontroll tal-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà, fil-kontrolli ta' sigurtà għall-provvisti, kif ukoll fiċ-ċibersigurtà.

5.4.3 Spezzjonijiet ta' segwitu

F'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 72/2010, il-Kummissjoni twettaq b'mod regolari għadd limitat ta' spezzjonijiet ta' segwitu. Tali spezzjonijiet jiġu skedati meta jkun għew identifikati diversi nuqqasijiet serji matul l-ispezzjoni inizjali, iżda anke fuq bażi aleatorja sabiex jiġi vverifikat li l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħat neċċessarji sabiex jitolbu r-rettifika tan-nuqqasijiet fi ħdan l-iskedi ta' żmien stabbiliti. Fl-2024, twettqu erba' spezzjonijiet ta' segwitu.

5.5 Valutazzjonijiet tar-rapport tal-kontroll tal-kwalità annwali tal-Istati Membri

Il-punt 18 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 jirrikjedi li kull sena l-Istati Membri jissottomettu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom u dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti tagħhom.

Il-valutazzjoni ta' dawn ir-rapporti, minbarra l-ispezzjonijiet regolari tagħha stess, tipprovdni għodda għall-Kummissjoni sabiex issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità. Dan, min-naħa tiegħu, jippermetti detezzjoni u korrezzjoni rapidi tan-nuqqasijiet f'kull Stat Membru.

Il-valutazzjoni tinkludi analiżi tal-monitoraġġ regolari tal-ajruporti, tat-trasportaturi bl-ajru u ta' entitajiet oħra b'responsabbiltajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni, kif ukoll taż-żmien imqatta' mill-awdituri fuq il-post, tal-ambitu u tal-frekwenzi ta' taħlita xierqa ta' attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità, tal-livelli ta' konformità nazzjonali, tal-attivitajiet ta' segwitu u tal-użu tas-setgħat ta' infurzar.

Il-kwalità tar-rapporti annwali u tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri baqgħet kostanti u matul l-2024 inkisbet aktar armonizzazzjoni.

Intbagħtet evalwazzjoni komprensiva formali lill-Istati Membri li tenfasizza, fejn meħtieġ, suġġerimenti dwar kif jistgħu jittejbu jew jifasslu aħjar l-isforzi nazzjonali.

5.6 Valutazzjonijiet ta' ajruporti ta' pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet fil-kuntest ta' arranġamenti ta' Punt Uniku tas-Sigurtà (OSS, One Stop Security) bejn l-UE u pajjiżi terzi. L-iskop huwa li jiġi kkonfermat li l-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri ta' sigurtà tkompli tkun ta' standard ekwivalenti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni. Fl-2024, twettqu tliet valutazzjonijiet, rispettivament, fl-Istati Uniti, fil-Montenegro u f'Singapore.

5.7 Każijiet u proċedimenti ġudizzjarji skont l-Artikolu 15

Jekk in-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà f'ajruport ikunu serji biżżejjed li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni, il-Kummissjoni tattiva l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE)

Nru 72/2010. Dan ifisser li l-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri kollha jġu mwissija dwar is-sitwazzjoni, u li titjiriet li jaslu mill-ajruport soġġett għall-Artikolu 15 għandhom jġu trattati bħala li jaslu minn pajjiż terz, li jirriżulta fl-obbligu għall-ajruporti riċeventi li jimplimentaw miżuri ta' sigurtà kumpensatorji fir-rigward ta' passiġġieri fi tranżitu li jaslu u l-bagalji tagħhom, kif ukoll l-inġenju tal-ajru li jkunu waslu fuqu. Fl-2024 ma nbeda l-ebda każ bħal dan.

Il-Kummissjoni għandha wkoll il-possibbiltà li tiftaħ proċedimenti ta' ksur f'konformità mal-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari f'każijiet ta' nuqqas ta' rettifika jew rikorrenza fit-tul ta' nuqqasijiet. Fl-2024, ma tnediet l-ebda proċedura bħal din.

6. LAQGĦAT U AVVENIMENTI

Il-Kummissjoni organizzat it-tieni Konferenza dwar iċ-Ċibersigurtà tat-Trasport li kopriet il-modi kollha tat-trasport fit-2 ta' Mejju 2024. L-avveniment ħa rendikont tal-iżviluppi mill-ewwel konferenza dwar iċ-Ċibersigurtà tat-Trasport fl-2019, bl-għan li jġu identifikati l-lakuni li fadal, jiġġegġ skambju ta' prattiki u ta' ideat fost il-komunitajiet differenti, kif ukoll jġu indirizzati t-theddidiet taċ-ċibersigurtà li dejjem jevolvu li jiffaċċja s-settur tat-trasport.

Fi Frar 2024 il-Kummissjoni nediet is-Sottogrupp dwar iċ-Ċibersigurtà tal-Avjazzjoni, u bdiet sensiela strutturata ta' laqgħat plenarji u sessjonijiet dedikati tat-task force, li bnew fuq il-mandat stabbilit mill-Grupp ta' Ħidma dwar iċ-Ċibersigurtà fl-Avjazzjoni. L-objettiv kien li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sikurezza tal-avjazzjoni, tas-sigurtà tal-avjazzjoni, u taċ-ċibersigurtà biex jġu ffaċilitati l-allinjament u l-konformità bejn id-Direttiva Riveduta dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni (NIS2, Revised Directive on Security of Network and Information Systems)¹³ u r-regoli speċifiċi għall-avjazzjoni. Hija fittxet ukoll li tevita lakuni jew duplikazzjonijiet potenzjali tal-obbligi taċ-ċibersigurtà u timminimizza l-piżijiet amministrattivi u operazzjonali bla bżonn.

F'Novembru 2024, il-Kummissjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà tat-Trasport tal-Istati Uniti (TSA, Transportation Security Administration) organizzaw it-tieni Summit dwar is-Sigurtà tal-Merkanzija bl-Ajru bejn l-Istati Uniti u l-UE f'Dublin, l-Irlanda. L-avveniment ipprova opportunità biex jġu identifikati t-theddid u r-riskji għall-merkanzija bl-ajru u biex jġu implimentati kollettivament strateġiji ta' mitigazzjoni.

Biex tippovdi lill-Istati Membri b'feedback mill-ispezzjonijiet, tippromwovi t-trasparenza u tarmonizza l-metodoloġiji ta' monitoraġġ tal-konformità, f'Ottubru 2024

¹³ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2).

il-Kummissjoni organizzat laqgħa annwali u taħriġ tal-ispetturi nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni (AVSEC, Aviation Security).

7. DJALOGU INTERNAZZJONALI

7.1 Ġenerali

Il-Kummissjoni kompliet il-kontribut tagħha għas-sigurtà tal-avjazzjoni globali billi involviet korpi internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organisation), il-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC, European Civil Aviation Conference) u s-sħab kummerċjali ewlenin, filwaqt li ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura pożizzjonijiet koordinati tal-UE. Saru wkoll djalogi ma' ċerti pajjiżi terzi, bħall-Istati Uniti, il-Kanada, l-Awstralja, Singapore, u r-Renju Unit.

7.2 Korpi internazzjonali

L-UE pparteċipat b'mod attiv, bħala osservatur, fil-laqgħa annwali tal-Panel tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-ICAO (AVSECP/35), li saret mit-22 sas-26 ta' April 2024 kif ukoll fit-tielet laqgħa tal-Bord taċ-Ċibersigurtà tal-ICAO (CYSECP/3), li saret mit-3 sas-7 ta' Ġunju 2024.

7.3 Pajjiżi terzi

Fil-kuntest tar-relazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni mal-Istati Uniti, il-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà tat-Trasport (TSCG, Transportation Security Cooperation Group) bejn l-UE u l-Istati Uniti għandu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni f'diversi oqsma ta' interess reċiproku. Dan jiżgura l-funzjonament kontinwu tal-arranġamenti ta' Punt Uniku tas-Sigurtà (OSS) u tar-rikonoxximent reċiproku tar-reġimi rispettivi tal-UE u tal-Istati Uniti dwar il-merkanzija u l-posta bl-ajru. It-33 laqgħa tat-TSCG saret fl-10-11 ta' Settembru 2024.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 435 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit tiżgura l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni, id-diskussjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-esperti tekniċi. Ir-raba' Laqgħa ta' Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit saret fil-15 ta' Mejju u l-ħames waħda fil-31 ta' Ottubru 2024.

F'konformità mad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni stabbiliet arranġamenti tal-OSS li jirrikonoxxu l-istandards tas-sigurtà applikati f'xi pajjiżi terzi, jew ajruporti ta' pajjiżi

terzi, bħala ekwivalenti għall-istandards tal-UE¹⁴. Id-diskussjonijiet dwar l-OSS mal-Ġappun komplew, iżda d-differenzi bejn ir-reġimi applikati ma ppermettewx li nimxu 'l quddiem bl-OSS għalissa. Ma ġie konkluż l-ebda arranġament ġdid tal-OSS fl-2024.

Fir-rigward tal-bini tal-kapaċitajiet, fl-2024 issokta l-proġett “Is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili fl-Afrika, fl-Asja u fil-Lvant Nofsani” (CASE II, Civil Aviation Security in Africa, Asia and the Middle East), iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea b'baġit ta' EUR 8 miljun u implimentat mill-ECAC. L-attivitajiet imwettqa minn esperti tas-sigurtà tal-avjazzjoni inkludew workshops, webinars u attivitajiet bilaterali fil-pajjiż¹⁵. L-objettiv ġenerali ta' CASE II huwa li jiġġieled kontra t-theddida tat-terroriżmu għall-avjazzjoni ċivili permezz ta' sħubija mal-Istati fit-tliet reġjuni, sabiex jissaħħu r-reġimi tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tagħhom.¹⁶

8. KONKLUŻJONIJIET

L-inċidenti tal-merkanzija bl-ajru ta' Lulju 2024 enfasizzaw ir-riskji serji għall-avjazzjoni. L-operaturi tat-trasport jistgħu jkunu kemm miri kif ukoll strumenti għal atturi malizzjużi. L-istrumenti legali eżistenti tal-UE tejbju s-sigurtà tal-avjazzjoni, iżda livelli għoljin ta' theddid jeħtieġu mezzi għal skambju rapidu ta' informazzjoni u reazzjoni kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni qed tikkollabora mal-Istati Membri biex temenda l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni eżistenti fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni klassifikata dwar l-okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni. L-isforz kontinwu biex jissaħħu l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni se jinvolvi wkoll it-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' rispons immedjat filwaqt li tinżamm iż-żona ta' sigurtà unika fl-ajruporti tal-UE.

¹⁴ L-UE għandha arranġamenti tal-OSS mal-Istati Uniti, mal-Kanada, ma' Singapore, mal-Montenegro, mas-Serbja u mar-Renju Unit.

¹⁵ Is-sena 2024 rat l-ogħla volum u diversità ta' attivitajiet imwettqa mit-tnedija tal-Proġett, b'total ta' 77 attività mwassla lill-Istati Sħab għall-benefiċċju ta' 1117-il parteċipant. Dan jirrappreżenta żieda ta' 15 % minn sena għal oħra mill-għadd totali ta' attivitajiet imwettqa fl-2023 u aktar mid-doppju tal-għadd ta' attivitajiet imwettqa fl-2022 (35 attività). Dawn l-attivitajiet kienu jikkonsistu minn 48 attività ta' taħriġ bilaterali, 17-il attività ta' taħriġ multilaterali, sitt attivitajiet ta' mentoraġġ, żewġ workshops reġjonali, workshop interreġjonali wieħed u l-finanzjament ta' tliet Rieżamijiet tal-Programm ta' Eçcellenza tal-Ajruporti fis-Sigurtà (APEX, Airport Excellence Program In Security). B'kollox, mill-bidu tal-Proġett twettqu 208 attivitajiet fil-pajjiż u remoti. Minn dan it-total, 177 ingħataw fil-pajjiż għall-benefiċċju ta' 83 Stat Sieħeb u Stati Membri tal-ECAC/UE. F'termini ta' mobilizzazzjoni tal-għarfien espert, 30 espert ġew irrilaxxati minn 14-il Stat Membru tal-ECAC/UE, biex jikkontribwixxu għal 19-il attività (24 %) u 32 espert minn 16-il żona komuni tal-avjazzjoni (CAAs, Common Aviation Areas) ta' Stati sħab ġew irrilaxxati biex jikkontribwixxu għal attivitajiet ta' taħriġ u għal workshops. It-Tim tal-Proġett laqa' wkoll żewġ persuni kkollokati (wieħed mill-Marokk u wieħed mill-Kamerun).

¹⁶ L-Istati Sħab jintgħażlu abbażi ta' kriterji oġġettivi, bħall-impenn/il-kapaċità ta' Stat partikolari li jibbenefika bis-sħiħ mill-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet imwettqa mill-Proġett, jew in-nuqqas ta' duplikazzjoni possibbli ma' inizjattivi oħrajn ta' bini tal-kapaċitajiet, kemm bilaterali kif ukoll multilaterali.

L-iżgurar ta' operazzjonijiet tal-avjazzjoni siguri fl-ajru u fuq l-art huwa kundizzjoni fundamentali biex l-avjazzjoni kummerċjali tiffjorixxi. Is-sistema regolatorja ottimali tas-sigurtà tal-avjazzjoni tikkombina l-innovazzjoni mal-istabbiltà u dejjem iżżomm l-ogħla livell ta' sigurtà. Fl-2024, il-Kummissjoni kompliet il-ħidma tagħha biex tiżgura sistema ta' sigurtà tal-avjazzjoni bħal din, filwaqt li tilqa' l-isfidi preżenti u futuri, u f'kooperazzjoni mill-qrib mar-regolaturi u mal-partijiet ikkonċernati f'daqqa.